MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 227/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Micallef)
Vs
Ernest Zarb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'April, 2007, ghall-habta tas-6.15 p.m., fi Triq J. Abela Scolaro, Santa Venera,
1. waqt li kien qed isuq vettura numru CHQ-052, kien involut f'incident tat-traffiku ma vettura numru AGE-111, naqas li jieqaf fuq il-post u, meta kien mehtieg, naqas li jaghti l-partikolitarijiet tieghu w d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi;
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru AGE-111 u nvolontarjament ikkagunalha ghad-dannu ta' Raymond Young.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Gunju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 67 tal-M.V.R u l-artikolu 328 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet u kkundannatu ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltija (LM25).
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena w htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija in vista tal-konflitt tal-provi li rrizulta fil-kors tal-pocedura odjerna w ix-xiehda li hija djametrikament opposta ghax-xiehda tal-appellant hija ovvjament vizzjata minn-nuqqas ta' kredibilita'. Ix-xiehda ta' Stella Maris Young hi kontradetta kemm mic-cirkotanzi tal-kaz kemm minn xhieda ohra u l-Ewwel Qorti jidher li injorat ghal kollox ix-xhieda ta' Charles Abela. Kif jista' jkun li hsara ta' LM800 fuq il-vettura ta' Young ma thallix l-icken sinjal fuq it-trailer. Fil-waqt li Young xehdet li kellha kulur blu fuq il-car taghha, l-Gwardjan Lokali qal li t-trailer kellu kulur griz fuq in-naha t' isfel tieghu. Li jekk stess il-Pulizija kienet irceviet xi telefonata anomima li tissemma fl-affidavit ta' PS 426 Anthony Portelli, din il-prova mhix ammisibbli skond il-ligi w l-Ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx tghid fis-sentenza appellata li kien hemm persuna ohra li rat l-incident isehh.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant tal-14 ta' Settembru, 2007, fejn talab li jipproduci zewg xhieda li ma kienux xehdu quddiem l-Ewwel Qorti;

Rat id-Digriet taghha tal-istess data fejn, bla pregudizzju ghal jekk dawn ix-xhieda kienux ser jigu ritenuti ammissibbli jew le f' dan l-istadju ta' appell, wara li l-Qorti

tisma' lill-partijiet fl-udjenza, laqghet it-talba u ordnat li dawn iz-zewg xhieda jigu ingunti ghas-sedutra tal-20 a' Settembru, 2007.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2007, li bih Dr. S. Farrugia Sacco , b'riferenza ghar-rikors tieghu tal-14 ta' Settembru, 2007, irrinunzja ghall-produzzjoni tal-Warden 030 Salvinu Vella, pero' baqa' jinsisti ghall-produzzjoni tax-xhud Warden 325 Denise Grech.

Rat il-verbal li bih Dr. S. Tonna Lowell ghall-Prosekuzzjoni oppona ghall-produzzjoni ta' din ix-xhud ghax ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi biex jigu prodotti xhieda godda f' dan l-istadju.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2007, inkluza dik tal-Warden 325 Denise Grech;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda mismugha mil-gdid tista' tigi riassunta kif gej :-

**Raymond Young** xehed li fl-24 t' April, 2007, kienet cemplitlu martu biex tghidlu li meta marret iggib it-tifla mill-ezami f' xis-6.15 pm., bil-car Rover 218 SD, kien ghadda trailer u gibdilha l-gemb u baqa' sejjer. Kienet haditlu n-numru w irraportat l-incident. Il-hsara telghet mat-M800 pero' hu kien insured comprehensive u halla f' idejn l-insurance. Il-hsara kienet tikkonsisti f' ticrita tul il-gemb mil-bieba ta' wara sa wara nett fuq in-naha tal-lemin. Ittaqqab il-mudguard. Fil-bidu kienet taghtina, umbaghad ticrita fin-nofs u tkompli bhala taghtina. It-trailer hu ma kienx rah u kien baqa' mistaghgeb kif dan ma kienx gie ezaminat dak in-nhar stess kif sar fil-kaz tal-car tieghu.

**Stella Young** xehdet li fl-24 t' April, 2007 kienet sejra lura biex tigbor lil bintha mill-ezami tal-O Level f'il-Junior Lyceum tal-bniet, f' Santa Venera f' xis-6 pm.Waqt li

kienet stazzjonarja bil-magna mqabbda ghax ma setghetx tghaddi bit-traffiku ta' quddiemha, rat container gej mid-direzzjoni opposta. Dan ried idur "*on the left*" u qiesu bhal gibed ghal fuqha biex ikun jista' jdur ghal triq dejqa . Ratu fuqha w barxilha wara w sa taqbilha l-car fuq in-naha tad-driver. Indunat li kien gej fuqha w paqpqet il-horn. Hu baqa' ghaddej u hi harget mill-car u gharfet id-driver (l-appellant) bla ebda dubju. Hi mbaghad ippruvat issib ghajnuna u wara ftit it-traffic mexa. Waqt li sejra l-ghassa, rat Pulizija w staqsietu x' ghandha taghmel u dan qalilha biex tmur l-ghassa taghmel rapport.

In kontro-ezami x-xhud qalet li d-daqqa hassitha. Fuq in-naha tieghu ma kienx hemm traffiku wieqaf fuq in-naha taghha biss kien dan. Tant li hu baqa' ghaddej.Hi haditlu n-numru meta nizlet mill-car u griet warajh..Dak il-hin nizzlet in-numru fuq il-mobile phone taghha. Kellu zewg numri wiehed fuq u l-iehor isfel. Dak il-hin kien ghadu d-dawl. Nies hdejha ma kienx hemm.

Riprodotta , ix-xhud qalet li madwar it-ticrita fil-car taghha kien hemm kulur blue it-tul kollu.

Hemm umbaghad l-Affidavit ta' **PS 426 Anthony Portelli** (fol. 2). Dan ikkonferma bil-gurament li fid-data in kwistjoni ghall-habta tas-7 pm. kienet maret l-ghassa tal-Hamrun Stella Maris Young u rraportat li f' xis-6.15pm., waqt li kienet qeghda fit-traffiku fil-vettura taghha Rover numru AGE 111 fi Triq Abela Scolaro, Santa Venera, ghadda mid-dirtezzjoni opposta truck bin-numru CHQ 052 tal-ghamla Leyland li kien qed jigbed trailer TR 840 li bin-naha tal-lemin tieghu kien laqtilha in-naha tal-lemin tal-vettura taghha. Hi bdiet tpaqpaq biex tigbed l-attenzjoni tax-xufier izda dan kien baqa' sejjer. Hu kien ra li l-car taghha kellha hsara fuq il-mera, l-bieba w il-mudguard ta' wara tan-naha lemenija, kif ukoll kien hemm zebgha blue. Lilu rrizultalu li truck kien ta' certu Carmelo Abela w dan wara ftit kien gie l-ghassa max-xufier, l-appellant, u dan tal-ahhar innega li kien laqat il-vettura, pero' stqarr li kien f' dik it-triq dak il-hin partikolari. Qal ukoll li kien hemm xi warden li kien beda jidderigi t-traffku pero' ma kienx jaf min hu. Minhabba l-kobor tat-trailer ma setghux igibuh

hdejn l-ghassa pero' l-ghada, 25 t' April, 2007, hu kien mar Hal Far biex ifittex xi zebgha hadra taqbel ma dik tal-car ta' Young , pero' ma kien raha ebda zebgha.

**L-Appellant** xehed li hu veru kien ghaddej minn hemm bil-container dak in-nhar pero' ma laqatx lil car ta' Young. Ma indunax "*kieku thossha. Le thossu, kieku thossu."*

In kontroezami xehed li hu ma indunax li Young kienet harget mil-karozza. Kieku taha d-daqqa, Young kienet tghidlu ghax hu waqaf fit-traffiku.

In ri-ezami, qal li meta jispicca mix-xoghol jiehu t-trailer fil-yard biex jiccekkjawh halli jerga' jsiefer. Pero' dan ma sifirx ghax baghtu ghalihom il-Pulizija. Hu ma rax hsara fuq it-trailer u lanqas il-Pulizija ma sab. L-imghallem tieghu ma qallu xejn ghax kieku sab xi haga kien jghidlu. Fuq in-naha t-isfel it-trailer huwa griz. Il-canvas hu bil-blue fuq u isfar taht. Hu ra l-hsara fil-car ta' Young u kellha marka blue. Meta kejjluha l-Pulizija biex jaraw taqbilx, ma kienetx taqbel.

**Charles Abela** xehed li fl-24 t' April, 2007, kienu baghtu ghalih il-Pulizija ghall-habta tas-7.30 - 8 pm u qalulu biex inizzel it-truck l-ghassa tal-Hamrun. Huma nizzlu l-parti ta' quddiem tat-truck u fit-truck ma raw xejn. Il-Pulizija staqsewh jekk kellux trailer mieghu u hu wegibhoim li kellu. Peress li dan kien kbir hafna, kien dalam u huma kienu gja ghalqu l-yard, iddecidew li s-Surgent imur jarah l-ghada filghodu. L-ghada gie jarah u ma ralhux marki.

Ix-xhud zied jghid li hu kien baghat lill-appellant biex jigbor trailer vojt li kien ipparkjat il-Hamrun minn yard fejn jipparkjaw trailers ta' zewg kumpaniji ohra kol. L-appellant gie bih mill-Hamrun sal-yard taghhom f' Hal ar . Hu kien iccerkkja it-trailer peress li l-ghada kellhom isifruh . Kien dar dawra mieghu bhal ma jaghmel is-soltu . Iccekkja jekk ghandux xi daqqiret , xi tyre mifqugh , jew xi mud fluff. . Hu ma ralu assolutament xejn lil dan it-tralere. U d-driver ma kiuen irraportalu ebda haga jew li kellu xi incident., kif suppost jaghmel is-soltu. Il-hsara fil-car ta;' Young hu ma kienx raha. Kull ma ra ittra tal-insurance gfejn qalulu li t-

truck kiuegu kienb ghamel hsara ta' LM600. It-trailer hu tilt trailer , igifieri fuq tal-incirata  u isfel tal-hadid griz, u l-incirata hija safra u fuq blue u t-tyres suwed..

**Warden 325 Denise Grech,** li giet ammessa bix-tixhed fl-istadju tal-appell**,** xehdet li dak in-nhar kienet xoghol hdejn l-iskola tal-Hamrun ghax ikun hemm hafna tfal jaghmlu l-O Level Exams. Ikun hemm hafna double parking u allura hafna ostakoli w allura huma ma kienux qed ihalluhom jaghmlu dan, biex it-triq tibqa' libera u jkomplu ghaddejjin il-karozzi. Hi ma ratx containers ghaddejjin minn hemm.

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jidher li min-naha wahda hemm il-prova pozittiva w diretta gejja mix-xhieda ta' Stella Maris Young li tghid li meta l-vettura artikolata misjuqa mil-appellant konsistenti fi truck (ziemel) u trailer kienet gejja mill-faccata w riedet iddur lejn ix-xellug taghha, giet fuqha u l-car taghha intlaqtet bit-trailer li ghamilha ticrita w toqba fuq in-naha tal-lemin tal-car taghha mill-bieba ta' wara lura. Hi hadet in-numru tat-truck u anki gharfet lill-appellant bhala x-xufier li pero' baqa' sejjer u ma waqafx minkejja li paqpqitlu l-horn. Dak il-hin stess cemplet lil zewgha, sabet Pulizija fit-triq li dderigiha tmur taghmel rapport l-ghassa, kif fil-fatt ghamlet ftit tal-hin wara, fejn is-Surgent ikkonstata l-hsara riportata fil-vettura taghha.

Mill-banda l-ohra hemm id-depozizzjoni tal-appellant li, ghalkemm jistqarr li kien ghaddej minn hemm dak il-hin, xehed li ma nnota xejn u ma nduna b' xejn u li lanqas l-imghallem tieghu ma sab xi hsara fil-vettura jew trailer, kif del resto ma sabu ebda tracci l-Pulizja meta marru jaraw it-trailer l-ghada filghodu.

L-ewwel nett din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax avversament fuq id-decizjoni tas-Surgent tal-Pulizija Portelli, li jipposponi l-ezami tat-trailer ghall-ghada filghodu, kienu x' kienu c-cirkostanzi (fosthom il-probabblta' li kien ser jispicca l-"watch" tieghu). Dan l-ezami jmissu sar kemm jista' jkun malajr biex ma jaghtix

cans li xi tracci importanti ikunu jistghu jitnehhew minn min kellu interess li jaghmel dan.

Issa il-fatt li l-appellant ma innota xejn ma jissorprendix lil din il-Qorti ghax min ikun qed isur vettura kbira bhal ma hu trailer artikolat, li jaghti "*a glancing blow*" billi jghaddi zbrixx ma *light car* zghira u baxxa, mhux necessarjament ihoss xi haga ghal diversi ragunijiet. Apparti il-hsejjes tal-magna tat-truck ossia z-ziemel, it-trailer ikun biss imqabbad maz-ziemel u ma jifformax parti minnu w, jekk id-daqqa tkun mat-trailer biss, inqas u inqas tinhass ghax it-truck fejn ikun ix-xufier ma jkunx intlaqat per se. Ghalhekk anki jekk hu veritier l-appellant meta jghid li ma induna b' xejn li huwa possibbli w anki probabbli, dan ma jfissirx pero' li t-trailer zgur ma laqatx il-car ta' Young.

Illi hu risaput *in subiecta materia*, li *articulated vehicles,* bhal ma kien dan f' dan l-kaz, meta jduru lejn naha minnhom johorgu l-barra lejn in-naha opposta tad-dawran bil-parti li tkun qed tigi rimorkjata w x' aktarx li kienet din il-parti w cioe' ix-xewka ta' quddiem tal-lemin tat-trailer li, meta harget il-barra waqt il-manuvra tad-dawran, hakket zbrixx mall-gemb tal-car ta' Young u kkagunat il-hsara.

S' intendi din tkun l-aktar parti b' sahhitha tat-trailer u mhux mistenni li jekk thokk mal-karrozzerija soffici w hafifa ta' *light car* li ssofri xi hsara, ghajr forsi xi marki leggeri ta' zebgha li f' dan il-kaz setghu lahqu gew eliminati minhabba t-trapass taz-zmien li thalla jghaddi mill-Pulizija li investiga l-kaz.

Id-depozzzjoni tal-appellant u ta' Charles Abela fir-rigward tal-hsara fit-trailer, ghalhekk ftit tista' tannjenta l-prova skjetta u diretta li tohrog mix-xhieda ta' StellaMaris Young li kien it-trailer migbud mill-appellant li kien ikkawza l-hsara fil-car taghha. Zgur li dan l-incident ma ivvintatux hi w li fil-fatt gara w ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma ghandha ebda dubju dettat mir-raguni meta taccetta l-versjoni ta' din ix-xhud.

Illi umbaghad anki kieku il-konflitt bejn il-prova diretta ta' Young kontraposta man-non-prova tal-appellant kellha

titqies li tammonta ghal konflitt fil-provi, kif dejjem gie ritenut, mhux kull konflitt fil-provi necessarjament iwassal biex l-akkuzat jitqies mhux hati. Imma l-Qorti, f’ kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali  w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’ hix ser temmnu jew ma temmnux.(ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** {9.7.2003])

Ghalhekk l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------